MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2013

Numru. 947/2009

**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**
**VS**
**JOSEPH CINI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Joseph Cini ta' 48 sena, bin Joseph u Jane nee' Buttigieg, mwieled Pieta' fis- 27 ta' Mejju 1964, residenti CCF u detentur tal- Karta tal- Identiat' 304664M;

Talli b' diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiskru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u jkunu gew maghmula b' risoluzzjoni wahda;

1) gewwa Attard f' xi hin bejn l- 4 u l- 5 ta' Gunju 2008, ikkommetta serq ta' diversi oggetti tal- fidda, xorb alkoholiku u oggetti ohra minn residenza bl- isem Villa Alexia li tinsab fi Triq Birkirara, Attard liema serq huwa

kkwalifikat bil- mezz, bil- lok u bil- valur li jeccedi €2,329.37 u dan sar ghad- detriment ta' Dr. David Cassar u/jew persuni ohra;

2) talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi volotnarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri €116.47 izda anqas minn €1,164.69 u li saret ghad- detriment tal- imsemmi Dr David Cassar u/jew persuni ohra;

3) talli gewwa San Pawl il- Bahar, bejn is- 7.30pm u l- 10.00pm ta nhar it- 23 ta' Gunju 2008, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom mobile phone tal- ghamla Sony Erricson T-650 u flus, minn kamra no. 2010 gewwa lukanda Clover Cottage, Triq it- Tartarun, San Pawl il- Bahar, liema serq ikkwalifikat bil- mezz, bil- lok u bil- valur li jeccedi €232.94 izda li ma jeccedix €2,329.37 u dan sar ghad- detriment ta' Hans Anderson Svensson ta' nazzjonalita' Svediza u/jew persuni ohra;

4) u talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar ghamel hsara jew gharraq hwejejg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri €11.65 izda anqas minn €116.47 u li saret ghad- detriment tad- dirigenti tal- lukanda Clover Cottage u/jew persuni ohra;

5) talli nhar l-24 ta' Gunju 2008 u fi zmien wara din id- data, f' diversi bnadi f' dawn il- gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misrqua, mehda b' qerq jew akkwistati b' reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom u cioe laqa' ghandu mobile phone tal- ghamla Sony Erricson T650, liema mobile phone kien irraportat misruq fis- serqa imsemmija aktar qabel, cioe' ser minn gewwa 2010 Clover Cottage li tinsab fi Triq it- Tartarun, San Pawl il- Bahar liema serqa kienet sehhet nhar it- 23 ta' Gunju 2008;

6) il- Qorti hija mitluba li f' kaz ta' htija titratta lill-imputat bhala recidiv ai terminu tal- Artkoli 49, 50 u 289

tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta b’ diversi sentenzi tal- Qorti tal- Appell u tal- Qorti tal- Magistrti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, datata 22 ta’ Frar, 2011, fejn gew indikati l-Artikoli li tahthom kellu jigi gudikat l-imputat;

Rat illi l-istess imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li ghazel li jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz ta’ citazzjoni ppresentata f’ Settembru 2009, l-imputat gie mressaq il-Qorti sabiex iwiegeb ghal reati ta’ serq minn residenza u minn lukanda fis-saijf tas-sena ta’ qabel, liema imputazzjonijiet kienu akkumpanjati minn dawk ta’ hsara volontarja u ta’ ricettazzjoni. L-imputat wiegeb li mhux hati, u ghalhekk il-Qorti ghaddiet biex tisma’ l-provi fil-mertu.

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Fil-lejl ta’ bejn l-4 u l-5 ta’ Gunju 2008, kienet saret serqa bi sgass minn gewwa residenza fi Triq Birkirkara, Attard, fejn il-valur tal-oggetti misruqa kien jeccedi l-elfejn u tlitt mitt Ewro. Biex saret din is-serqa, saret hsara fl-istess residenza, sabiex il-hallelin jidhlu fid-dar jisirqu. Sar rapport lill-Pulizija u bdiet l-investigazzjoni. B’din is-serqa kien gie infurmat il-Magistrat tal-ghassa, li ghamel inkjesta skond il-ligi u qabbad l-esperti jassistuh. Minn fuq il-lok tad-delitt gew elevati impronti digitali tal-persuna jew persuni li setghu wettqu din is-serqa, u baqghu hekk

ippreservati fl-atti tal-proces verbal. L-istess gara ftit tal-jiem wara, fit-23 ta' Gunju 2008, meta saret serqa minn gewwa l-lukanda Clover Cottage f'San Pawl il-Bahar, fejn ittiehdu oggetti li kienu jiswew anqas minn elfejn u tlitt mitt Ewro, u saret hsara ta' sgass fil-bieb al-kamra fl-istess lukanda minn fejn ittiehdu dawk l-oggetti. F'din is-serqa ma kienx hemm il-htiega li tinfetah inkjesta.

Mill-investigazzjoni li ghamlet il-Pulizija, gew imqabbla l-impronti digitali fil-proces verbal ma' dawk tal-imputat, u nstab li kien hemm qbil bejniethom. Inoltre, fil-pussess tal-imputat, instab mobile phone li kien insteraq mil-lukanda Clover Cottage. Ghalhekk, l-imputat gie interrogat mill-Pulizija fit-13 ta' Settembru 2009, fejn ittiehdet stqarrija tieghu u kien ghazel li ma jwiegeb ghal ebda mistoqsija li saritlu. Ghalhekk saret din il-kawza.

Mil-provi prodotti, jirrisulta li l-Prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha fil-konfront tal-imputat lil'hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Il-Pulizija ressqet bhala prova l-proces verbal tas-serqa li saret fil-lejn ta' bejn l-4 u l-5 ta' Gunju 2008, fejn fost provi ohra hemm ezami komparattiv tal-impronti digitali misjuba fuq ix-xena tad-delitt kif imqabbla ma' dawk tal-imputat. Ghalhekk gie stabbilit li l-imputat halla impronta digitali tieghu fil-lok fejn saret is-serqa, u dan minghajr ma hu ta xi spjegazzjoni ghal dan. Inoltre, gie satabbilit li t-telephone cellulari tat-tip Sony Ericsson T-650 li kien gie misruq mil-lukanda Clover Cottage nhar it-23 ta' Gunju 2008 kien gie attivat l-ghada stess b' linja ohra fuq isem l-istess imputat, u ta' dan ukoll naqas li jaghti spjegazzjoni. In sostenn ta' dan kollu, gew esebiti diversi dokumenti u provi ohra mill-Pulizija, flimkien ma' kopji ta' sentenzi dwar l-addebitu tar-recidiva, u minkejja li l-Qorti tat diversi opportunitajiet sabiex l-imputat iressaq il-provi tieghu, dan naqas ripetutament li jaghmel hekk. Ghalhekk, apparti l-fatt li esami tal-provi wassal biex saret il-konnessjoni bejn l-imputat u z-zewg reati ta' serq, dawn il-provi l-anqas ma gew kontradetti mill-imputat.

Ghalhekk, fil-fehma taghha, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssib htija fl-imputat ghar-reati addebitati lilu. Peress li l-hames imputazzjoni hija alternattiva ghat-tielet

imputazzjoni, il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha, in vista li qed tinstab htija ghat-tielet imputazzjoni. Kwantu ghall-piena, l-imputat huwa recidiv u ghandu fedina penali reffrettarja ghall-ahhar. Jidher li l-imputat ghazel li jinjora ghal kollox id-drittijiet tac-cittadini li jgawdu l-proprjeta’ taghhom fil-paci, u jivvjola l-privatezza tal-proprjeta’ privata u jidhol fi hwejjeg haddiehor biex jisraq. Dan l-agir huwa kkundannabbli ghall-ahhar, minghajr ebda riserva. Ghalhekk il-piena ghandha tkun wahda li tirrestringi l-liberta’ tal-persuna.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 261, 263, 267, 269(g), 278(1), (2) u (3), 279(b), 280(1)(2), 281(a), 325(1)(b), 278(1), (2) u (3), 279(a), 280(1) u (2), 325(1)(c), 334(a), 17, 31, 49, 50, 289 u 533 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Din il- Qorti issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghall-piena ta’ tlitt (3) snin prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------